MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2015

Avviz Numru. 59/2014

**Erika Gurskyte Pace (K.I. 308104L)**

**VS**

**Jean Pierre Pace (K.I. 301569M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' **Erika Gurskyte Pace** datat 20 ta' Frar 2014 li fih ippremettiet is-segwenti:-

*"Illi fl-erbgha (4) ta' Awissu 2008 ir-rikorrenti u l-intimat kienu ffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Peter Fleri-Soler, li kopja awtentika qed jigi anness u markat bhala Dokument 'A'.*

*Illi permezz tal-istess kuntratt, senjatament klawsola numru tlieta subinciz 'a' (3a), l-intimat obbliga ruhu li jhallas lir-rikorrenti s-somma ta' mitejn u tnejn u disghin Ewro (€292) kull xahar, pagabbli kull erba' (4) xhur bil-quddiem fl-ewwel gurnata ta' Jannar, Mejju u Settembru, bhala manteniment favur ibnu minuri Adam Pace.*

*Illi l-intimat ilu ma jhallas manteniment a favur ibnu minuri minn Ottubru tas-sena 2012 u in effetti l-arretrati sal-lum, eskluz l-awment skont l-indici tal-gholi tal-hajja, jammontaw ghal hamest'elef hames mija tmienja u erbghin Ewro (€5,548).*

*Illi ghalkemm saru diversi tentattivi da parti tar-rikorrenti sabiex l-intimat ihallas is-somma ta' €5,548 kif hawn fuq spjegat, sal-lum dan l-ammont ghadu ma giex imhallas.*

*Illi ghaldaqstant billi ghadda aktar miz-zmien prefiss fl-artikolu 258 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta minn meta l-kuntratt ta' separazzjoni personali fuq imsemmi gie rez ezegwibbli, qed jigi intavolat ir-rikors odjern ai termini ta' dan l-artikolu sabiex ir-rikorrenti tkun tista' tesegwixxi t-titolu ezkuttiv li ghandha kontra l-intimat fis-somma ta' hamest'elef hames mija tmienja u erbghin Ewro (€5,548).*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha ai termini tal-Artikolu 258 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tawtorizzaha tesegwixxi t-titolu esekuttiv fuq imsemmi stante li ghaddew izjed minn tlett (3) snin mid-data tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni datat erbgha (4) ta' Awissu 2008, u dan taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti."*

Rat ir-risposta ta' **Jean Pierre Pace**ipprezentata fid-29 ta' April 2014 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

*"Illi din ir-risposta ghat-talba tal-attrici kontenuta fir-rikors fuq imsemmi (notifikat 23 ta' April 2014) ghal biex ikun rez esekuttiv il-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-kontendenti datat l-4 ta' Awwissu 2008 peress li skadew iktar minn tlett snin fuq l-imsemmi kuntratt. (U hawn qed jirrileva li d-Dok A, prezentat mir-rikorrenti fih pagna 8 nieqsa, li tehtieg tigi prodotta.)*

*Illi preliminarjament hu eccepit li dina l-Qorti hija inkompetenti ratione materiae, peress li, la si tratta ta' kuntratt ta' separazzjoni, il-Qorti kompetenti hija l-Qorti Civili – Sezzjoni tal-Familja. Ara ukoll l-Artikolu 2(e) p. 4, tal-Kuntratt Dok. A, li jghid espressament li 'Any dispute or other disagreement between the spouses Pace in relation to any issue referred to under this Article, or otherwise to any other matter concerning the welfare and interest of the minor child, shall be referred by either spouse to the decision of the Maltese Civil Court (Family Division) and the wife agrees to submit to the jurisdiction of the said Court". Ghalhekk, billi l-iskop tal-kawza hi li twassal ghal hlas ta' manteniment ghall-iben minuri tal-kontendenti, l-esponent qed jitlob li jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.*

*Illi bla pregudizzju ghal dan, l-esponent isostni wkoll preliminarjament li biex il-kuntratt ta' separazzjoni 'de quo agitur' jigi rez ezegwibbli kif mitlub, jehtieg l-ewwel ikun 'per se' jikkwalifika bhala titolu esekuttiv. Biex kuntratt notarili ikun titolu esekuttiv, dan jehtieg ikun kuntratt fejn id-dejn koncernat ikun cert, likwidat u dovut (ara Art. 253(b) tal-Kap 12) mentri fil-kaz prezenti, KIF TAF TAJJEB IR-RIKORRENTI, l-ammonti pretizi m'humiex certi, likwidi u skaduti anzi huma kontestati, ghax hemm diversi issues dwar l-ammonti diga' mhallsa kif ukoll dwar ammonti ohra mhallsa indebitament mill-esponent u li jehtieg jitqiesu bhala krediti akkont tal-manteniment pretiz, kif jigi ahjar spjegat fit-trattazzjoni. Ghalhekk il-kuntratt in meritu ma jikkwalifikax bhala titolu esekuttiv u ma jistax jigi rez ezegwibbli. Ghal dan il-motiv dina l-Onorabbli Qorti hi mitluba tillibera lill-esponent mill-osservanza tal-gudizzju.*

*Illi fil-meritu, u minghajr pregudizzju ghall-obbjezzjonijiet preliminari ta' hawn fuq, jeccepixxi li jekk l-istess kuntratt kellu jigi rez esekuttiv fl-ammonti mitluba, minghajr limitazzjoni, l-esponent isofri dannu irrimedjabbli, ghax b'tali esekuzzjoni ir-rikorrenti Pace tezegwixxi mandati esekuttivi ghal somom li m'humiex dovuti. Ghalhekk jehtieg qabel xejn isiru l-provi reciproci dwar il-konsistenza tal-pendenza u tad-divergenza.*

*Illi bhala fatt, l-esponent ma ghandux jaghti l-ammont globali pretiz fir-rikors izda somma ferm inqas, kif jista' jigi pruvat. Dan ghaliex, kif jidher mill-prospett hawn anness (Dok JRP1) l-esponent, apparti l-hlasijiet specifici ta' manteniment ghal binhom minuri Adam hemm deskritti, kien ghamel ukoll certi hlasijiet sostanzjali lill-istess Erika Pace fi Frar 2012 u Frar 2013, u f'dati ohra, somom li ghalkemm imhallsa minnu in buona fede (l-iktar fuq insistenza u hassle tar-rikorrenti), wara irrizultalu li, legalment, dawn l-ispejjez kienu propjament obbligu legali tal-omm u mhux tal-missier, u dan skont l-istess kuntratt li hu l-bazi tal-azzjoni odjerna, fejn hemm pattwit li (apparti l-hlas tal-manteniment, vjaggi biex il-minuri jigi Malta in bazi ta' visitation rights, u certi taxxi fiskali msemmija fil-kuntratt) "all other costs incurred in connection with the minor child shall be borne exclusively by the wife" (ara l-Art. 3(a) tal-kuntratt Dok A. isfel). Anzi qed jigi hawn rilevat ukoll li, skont l-Art. 10(iv) tal-istess kuntratt, hemm miftiehem hekk: "in the event that either of them be constrained to pay in whole or in part, any debt which in terms of this deed is payable by the other party, then that party shall be entitled to be indemnified by the other party and to recover any amount so paid". L-ispejjez indebiti imsemmija huma murija fl-imsemmi prospett JRP1 taht il-kolonna 'Other'.*

*Illi ghalhekk, fil-kontegg tal-hlasijiet maghmula mill-esponent ghandu jigi akkreditat mhux biss bl-ammonti tal-manteniment kollha diga' mhallsa kif muri fil-prospett JRP1 li juri l-hlasijiet kollha ta' manteniment sa mill-bidu cioe` minn Awwissu 2008. Izda huwa wkoll ghandu jigi indennifikat, jew risarcit, bl-ammonti li l-esponent hallas lir-rikorrenti Erika Pace dwar l-imsemmija zewg football camps u spejjez ohra li propjament kienu jispettaw lilha. Dawn l-ammonti indebiti ilahhqu 'l fuq minn tlett elef u hames mitt ewro (EUR 3,500), kif jista' jigi ahjar spjegat fit-trattazzjoni.*

*Illi, peress li r-regime ta' pagament dwar manteniment, kif stabbilit fil-kuntratt ta' separazzjoni, jikkonsisti fi hlasijiet mensili (cioe` jista' jitqies kont apert, account current) (ara Kap 16) huwa ghandu dritt skont il-ligi li jezigi kompensazzjoni tal-krediti kontra kwalunkwe bilanc li jista' jirrizulta bhala manteniment tal-iben minuri.*

*Illi ghalhekk anke kieku, f'kaz remot li dina l-Onorabbli Qorti kellha tiskarta l-eccezzjonijiet preliminari u tilqa' t-talba ghal biex il-kuntratt ta' separazzjoni jigi rez esekuttiv, l-esponent jitlob bir-rispett li tali esekuzzjoni tigi limitata (kif del resto hi fid-diskrezzjoni tal-Qorti) ghall-ammont ridott li ghandu jirrizulta mill-provi producendi. U din il-Qorti hi mitluba ghalhekk tillikwida l-ammont bilancjali gust, u tillimita l-esekuzzjoni f'dak is-sens filwaqt li tichad it-talba attrici ghall-bqija.*

*Salvi eccezzjonijiet ohra, u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 957/2014 tas-7 ta' April 2014. Ir-rikorrenti qed tigi ingunta ghas-subizzjoni."*

Rat id-dokumenti annessi mar-rikors u mar-risposta;

Rat illi l-ewwel eccezzjoni giet irtirata mill-intimat fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2014;

Rat is-sentenza preliminari tat-12 ta' Gunju 2014 fejn giet michuda t-tieni eccezzjoni tal-intimat;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri tal-intimatipprezentata fit-12 ta' Gunju 2014 illi permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

*"Illi dejjem preliminarjament ir-Rikors promotur f'din l-azzjoni huwa irritu u null peress illi, filwaqt li hu Rikors Guramentat, ma jirrispettax il-forma mandatorja rikjesta mil-ligi specifikatament id-dettami tal-Art. 156(1)(d) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jezigi li f'kaz ta' Rikors guramentat ghandhom jigu nkluzi, dritt wara l-indikazzjoni tal-Qorti, il-kliem sagramentali hemm riprodott.*

*Illi bla pregudizzju ghal dan u ghall-eccezzjonijiet l-ohra kollha, qed jigi wkoll eccepit preliminarjament illi l-okkju tal-kawza jehtieg jigi korrett ghaliex l-isem tal-attrici m'huwiex kif indikat fl-atti izda huwa semai Erika Gurskyte Pace, peress li b'rikors li kienet ghamlet snin ilu f'Qorti diversament presjeduta kienet otteniet li tabbraccja l-isem taghha ta' xebba Gurskyte u difatti kien sahansitra gie korrett l-Att taz-Zwieg f'dan is-sens, kif jista' jigi pruvat.*

*Illi jeccepixxi ukoll ulterjorment, bla pregudizzju ghal fuq espost, illi l-kopja tas-sentenza esebita b'nota mir-rikorrenti ghandha tigi sfilzata, peress li m'hix kopja legali kif tirrikjedi l-ligi dwar atti li se jiffurmaw parti mill-atti ta' kawza, izda hi kopja informi, li inoltre, lanqas biss fiha l-isem tal-partijiet."*

Rat id-digriet tas-16 ta' Lulju 2014 fejn din il-Qorti ordnat illi isem ir-rikorrent jigi mbdul ghal "Erika Gurskyte Pace" u ghalhekk it-tieni eccezzjoni ulterjuri tal-intimat gie sorvolata;

Rat il-verbal tas-16 ta' Lulju 2014 fejn il-partijiet qablu li t-tielet eccezzjoni kienet giet sorvolata bis-sentenza tat-12 ta' Gunju 2014 u li l-ewwel eccezzjoni ulterjuri ghandha tigi deciza fis-sentenza finali;

Semghet bil-gurament lir-rikorrenti;[1]

Rat l-affidavit tal-intimat u d-dokumenti annessi mal-istess;[2]

Rat id-dokumenti l-ohra kollha;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

---

[1] A fol. 51A sa 51O
[2] A fol. 60 sa 77

**Ikkunsidrat:**

Illi r-rikorrenti ipprocediet bir-rikors odjern sabiex, ai termini tal-artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti tawtorizzaha tesegwixxi t-titolu ezekuttiv li hija ghandha fl-ammont ta' €5,548 rapprezentanti arretrati ta' manteniment dovuti lilha mill-intimat u dana peress li ghaddew izjed minn tlett (3) snin mid-data tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni datat 4 ta' Awissu 2008.[3]

Illi din il-Qorti hija tal-fehma illi l-ewwel u qabel kollox ghandha titratta l-ewwel eccezzjoni ulterjuri tal-intimat u cioe li r-rikors promutur huwa irritu u null peress li fil-waqt li hu rikors guramentat ma jirrispettax il-forma mandatorja rikjesta mil-ligi fl-artikolu 156 (1) (d) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta in kwantu ma jinkludix il-kliem li ghandhom tassattivament jitnizzlu fl-istess rikors ezattament wara l-indikazzjoni tal-Qorti. Illi din il-Qorti hija tal-fehma illi l-intimat m'ghandux ragun f'din l-eccezzjoni tieghu in kwantu l-gurament li hadet ir-rikorrent huwa relatat ma' dak rikjest minn artikolu 258 tal-Kapitolu 12 u cioe li *"Ir-rikorrent għandu wkoll jikkonferma bil-ġurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni tagħha, u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut."* Dan ma jfissirx li ghaliex hemm rikjest li jittiehed gurament allura jiskatta dak li jipprovdi artikolu 156 (1) (d) tal-Kapitolu 12. Ghaldaqstant din l-eccezzjoni ulterjuri qieghdha tigi michuda.

Illi l-Qorti serja issa tghaddi biex tezamina l-mertu proprju tar-rikors odjern.

Illi Artikolu 253 (b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jghid is-segwenti:-

*"Huma titoli esekuttivi:*

*(b) il-kuntratti rċevuti minn nutar pubbliku ta' Malta, jew minn uffiċjal pubbliku ieħor awtorizzat li jirċevihom, meta l-kuntratt huwa dwar dejn ċert, likwidu u li għalaq, u ma jikkonsistix f'esekuzzjoni ta' fatt."*

[3] Dok A a fol. 5 sa 13 tal-process

Illi huwa pacifiku illi ghalkemm il-kuntratt ta' separazzjoni mhuwiex kuntratt esklussivament dwar dejn cert, likwidu u li ghalaq, xorta wahda jikkonstitwixxi titolu ezekuttiv ghal dak li ghandu x'jaqsam l-aspett finanzjarju tieghu.[4]

Illi mbaghad artikolu 258 (c) tal-Kapitolu 12 tal-Ligjiet ta' Malta jghid hekk :-

*"Wara -*

*(ċ) l-għeluq ta' tliet snin minn dak in-nhar li fih skont il-liġi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafi (b) u (e) tal-artikolu 253, jew rigward il-proċeduri meħudin skont l-artikolu 166A* ***seta' ġie esegwit***,[5]

*l-esekuzzjoni tista' ssir biss wara talba magħmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti. Ir-rikorrent għandu wkoll jikkonferma bil-ġurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni tagħha, u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut."*

Illi mill-provi jirrizulta illi l-partijiet ikkonkludew kuntratt ta' separazzjoni personali fl-4 ta' April 2008 fl-atti tan-Nutar Peter Fleri-Soler (Dok A anness mar-rikors promutur).

Illi skond klawsola 3 (a) tal-imsemmi kuntratt, l-intimat obbliga ruhu li jivversa s-somma ta' €292 fix-xahar ghall-manteniment tal-minuri Adam Pace kull erba' xhur bil-quddiem filwaqt li l-ispejjez l-ohra in konnessjoni mal-imsemmi minuri kollha kellhom ikunu a karigu tar-rikorrenti.

Illi jirrizulta li l-ahhar pagament ta' manteniment li l-intimat ghamel kien f'Settembru 2012 u ghalhekk ir-rikorrent qieghdha titlob li tesegwixxi t-titolu ezekuttiv li ghandha permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni ghax-xhur ta' wara l-imsemmi perjodu. Da parti tieghu, l-intimat qieghed jinsisti lil-ammont reklamat mir-rikorrenti mhux kollu dovut ghaliex ghandu jigi pacut ma' diversi

[4] Ara f'dan is-sens is-sentenza **Eileen Busietta vs Adrian Busietta** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta' Marzu 2014
[5] Enfasi tal-Qorti

spejjez mahruga minnu, liema spejjez skond hu kellhom ikunu a karigu tar-rikorrenti. Dwar dan l-intimat esebixxa prospett (Dok JRP2 a fol. 27 sa 28) fejn skond hu l-ammont dovut lir-rikorrenti huwa ferm inqas minn dak pretiz.

Illi, pero, l-Qorti tosserva illi sabiex jigi invokat artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta **iridu jkunu ghaddew iktar minn tlett snin minn meta t-titolu ezekuttiv dwar id-dejn reklamat seta` jigi esegwit**. Ghalkemm id-dejn reklamat huwa derivanti minn kuntratt pubbliku li sar fis-sena 2008, dan ma jfissirx li awtomatikament jiskatta l-artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghax ghaddew iktar minn tlett snin mill-pubblikazzjoni tal-istess kuntratt. It-tlett snin imsemmija fl-artikolu 258 iridu jkunu ghaddew minn dakinhar li r-rikorrenti setghet tesegwixxi t-titolu ezekuttiv taghha ghall-kreditu pretiz minnha. Illi mill-atti jirrizulta illi r-rikorrenti qieghdha titlob ghall-manteniment minn **<u>Ottubru 2012</u>** sal-prezentata tar-rikors odjern, u cioe l-20 ta' Frar 2014. Illi mill-provi ma jirrizultax illi r-rikorrenti ipprezentat xi att gudizzjarju ai termini tal-artikolu 256 tal-Kapitolu 12 tal-Ligjiiet ta' Malta biex tirrendi ezegwibbli l-kreditu li ghandha versu l-intimat.

Illi fl-umli opinjoni ta' din il-Qorti, il-procedura mahsuba fl-artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ma tistghax tintuza fejn iz-zmien imsemmi, u cioe t-tlett snin, ma jkunx ghadu ghadda kollu minn meta seta' jigi esegwit it-titolu ezekuttiv. Ghalhekk, stante li ghadu m'ghaddhiex iz-zmien tal-effettivita` tat-titolu ezekuttiv li ghandha r-rikorrenti ma hemmx bzonn li l-istess rikorrenti tfittex rimedju taht l-imsemmi artikolu.

Illi l-Qorti tirrileva li r-rikorrenti ghandha modi ohrajn mahsuba fil-ligi biex *semmai* tigbor l-iskadenzi ta' manteniment li skond hi ghadhom dovuti stante li l-ammonti pretizi minnha abbazi tal-kuntratt *de quo* jistghu isiru ezegwibbli wara jumejn mill-anqas min-notifika ta' sejha ghall-hlas maghmula b'att gudizzjarju u dan ai termini tal-artikolu 256 (2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Biex tiskatta l-procedura taht l-artikolu 258 tal-Kaptiolu 12 iridu mbaghad jghaddu tlett snin minn meta l-istess kreditu gie rez esegwibbli bil-procedura indikata aktar 'il fuq f'dan il-paragrafu. Konferma ta' dan hija s-sentenza fl-ismijiet **HSBC Bank Malta p.l.c. v. Mario Camenzuli et** deciza mill-Qorti tal-Magistrati fl-4 ta' Marzu 2013 fejn dik il-Qorti qalet is-segwenti:-
*"Mill-atti processwali u senjatament mid-dokument esebit mill-Bank Rikorrent markat Dok. "HSBCIII" jirrizulta li l-Bank rrenda l-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri datat 6 ta' Awwissu 1993 esegwibbli permezz ta' ittra ufficjali ai termini ta' l-Artikolu 256(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, ipprezentata fil-25 ta' Marzu 2011 notifikata lill-intimati fid-9 ta' Gunju 2011. Ghalhekk dak il-kuntratt seta' jigi esegwit biss b'effett mill-13 ta' Gunju*

*2011 – jumejn wara id-data tan-notifika ta' l-ittra ufficjali – u konsegwentement it-terminu ta' tlett snin previst fl-Artikolu258(c) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta beda jiddekorri mit-13 ta' Gunju 2011 u mhux mid-data tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt. Minn dan isegwi ghalhekk illi t-talba tal-Bank Rikorrent intavolata ai termini ta' l-Artikolu 258(c) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta fis-7 ta' Settembru 2011, ossia tlett xhur wara d-data meta l-kuntratt in kwistjoni sar esegwibbli, hija intempestiva u b'hekk ma tistax tigi milqugha."*

Illi ghaldaqstant it-talba tar-rikorrenti hija f'dan l-istadju wahda intempestiva.

Illi *in vista* ta' dak appena osservat il-Qorti mhix se tidhol fil-mertu tar-kwistjonijiet sollevati mill-intimat fir-risposti tieghu.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt li tichad l-ewwel risposta ulterjuri tal-intimat, qieghdha wkoll tichad it-talba tar-rikorrenti in kwantu hija intempestiva.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ikunu a karigu esklussiv tar-rikorrenti hlief ghall-ispejjez relatati mas-sentenza preliminari tat-12 ta' Gunju 2014 li ghandhom ikunu a karigu tal-intimat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------